MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Numru. 191/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darryl Borg)**

**Vs**

**Cajetan Saliba ta' 64 sena, bin Richard Saliba u Rita nee' Said, imwieled il-Marsa nhar it-23 ta' Ottubru 1948 u residenti gewwa fond 3, Trejqet Sant'Anna, Hamrun, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 892148(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Cajetan Saliba li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Settembru 2011 u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer:

1. bhala l-persuna li zamm jew qabel li izomm annimali gieghel lill-istess animali (2 iklieb) isofru ugiegh, tbatija,

dwejjaq minghajr bzonn u talli abbandunhom b'tali mod li inzammu ghal hafna zmien fi hmieg taghhom stess, u minghajr ilma u ikel u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2), Taqsima 1v, tal-Kap.439 Dwar il-Harsein ta'l-Annimali.

2. kif ukoll talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zamm l-annimali jew qabel li izomm annimali ghandu u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dana bi ksur tal-Artikolu 8(2) u 8(3), Taqsima 1v tal-Kap.439 Dwar il-Harsien ta'l-Annimali;

3. u aktar talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zamm annimali (2 iklieb) ta' l-eta' 'l fuq minn sitt xhur minghajr licenzja mahruga mill-awtoritajiet kompetenti u dana bi ksur ta'l-artikolu 3(1) tal-Kap.312 Dwar il-Klieb.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-15 ta' Frar 2012 sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi mill-qari ta'l-akkuzi migjuba kontra l-imputat jirrizulta illi l-imputat qieghed jigi addebitat lilu ir-reat dwar il-mohqrija ta'l-annimali. Mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi meta l-ispetturi fi hdan id-Dipartiment ghat-Trattament Xieraq ta'l-Annimali accedew fir-residenza ta'l-imputat gewwa Trejqet Sant'Anna il-Hamrun u dana wara li kienu ircevew rapport anonimu, huma sabu zewgt iklieb wiehed tar-razza Dalmation u l-iehor tar-razza hekk imsejjah "tal-fenek". Illi l-kelb Dalmation jidher li kien maghlub hafna, filwaqt illi il-kelb l-iehor kien mizmum fuq il-bejt tar-residenza, fejn gie innotat li dana il-kelb la kellu xelter

adegwat u lanqas ikel u ilma biex jixrob[1]. Jidher illi dana il-kelb ukoll kien maghlub hafna. L-imputat gie moghti l-opportunita li jiehu dawn il-klieb ghand tabib veterinarju, izda jidher illi meta id-Dipartiment rega' ghamel kuntatt mieghu sabiex jigi ivverifikat jekk l-imputat kienx qed jaghti il-kura mehtiega lil dawn l-annimali, huwa beda jirrabja maghhom u beda jirrifjuta jaghmel dak li kien qed jigi suggerit lilu ghall-gid ta' dawn iz-zewgt iklieb. Huwa infurmhom illi fl-opinjoni tieghu l-klieb ma kellhom xejn hazin u ma kellhom bzonn l-ebda kura. L-imputat rega inghata cans iehor biex ighaddi certifikat mediku lid-Dipartiment tal-klieb, izda meta rega sar kuntatt mieghu, l-imputat kien ghadu qed jirrifjuta jikkopera u ghalhekk ittiehdu dawn il-passi fil-konfront tieghu. Mix-xhieda tal-WPS224 Susan Mifsud jirrizulta illi wara dan l-imputat kien ghadda il-kelb tar-razza Dalmation lil xi membri tal-Ghaqda AAA peress illi ma setax ikompli jiehu hsiebu ghal ragunijiet ta' sahha. Il-kelb l-iehor kien ghadu ghandu u meta accedew il-pulizija fuq il-post fit-02 ta' Frar 2012 dana il-kelb kien jinsab gewwa fit-tromba tal-bejt[2]. L-imputat me kellu l-ebda licenzja tal-pulizija sabiex izomm dawn il-klieb[3].

Illi l-imputat ma jixhidx f'dawn il-proceduri u lanqas ittihdietlu stqarrija. Madanakollu jirrizulta mill-atti illi l-imputat kellu xi problema f'sahhtu u jidher illi dak in-nhar li saret l-ispezzjoni mid-Dipartiment ghall-Harsien ta'l-Annimali huwa kien ghadu kemm gie lura mill-isptar.

Ikkunsidrat,

Illi mix-xhieda ta'l-ispetturi Victor Tirchett u Jason Azzopardi li ghamlu l-ewwel spezzjoni u mir-ritratti esebieti minnhom jirrizulta illi dawn iz-zewgt iklieb ta'l-imputat kienu klieb piuttost irqaq. Wiehed minnhom jidher illi kien ighix fuq il-bejt u dak in-nhar meta saret l-ispezzjoni huwa ma kellux ikel u xorb u kien maqful barra fuq il-bejt. Meta accedew il-pulizija fuq il-post madwar erba xhur wara jidher, madanakollu, illi l-kelb kien jinsab

---

[1] Ara rapport Dokument EB a fol.14 u ritratti annessi mal-istess rapport a fols.20, 21 u 22
[2] Ara rapport tal-pulizija Dokument SM a fol.39.
[3] Ara xhieda ta' WPS159 Sharon Lackey a fol.42

fit-tromba tal-bejt u ghalhekk kien qieghed gewwa ghal kenn. Il-kelb l-iehor tar-razza Dalmation ma kienx ghadu ghand l-imputat ghax kien ghaddieh lill-ghaqda AAA. Illi meta l-ispetturi tad-dipartiment ghamlu l-ispezzjoni huma ma hadux maghhom tabib veterinarju u insistew mal-imputat illi jehodhom hu ghand tabib ghax kienu irqaq wisq. Illi ghalkemm jidher illi l-imputat ma tantx ikkopera mad-Dipartiment u qalilhom li ma riedx jaghmel dak miltub minnhom, madanakollu fl-atti gie esebiet mill-prosekuzzjoni rizultat mediku ta' xi testijiet li saru fuq kelba tar-razza Dalmation bl-isem ta' "Becky" mit-tabib veterinarju Dr. Ivan Galea. Dina il-vizta medika jidher li saret fl-01 ta' Ottubru 2011 u ghalhekk erbat ijiem wara id-data indikata fl-akkuza tas-26 ta' Settembru 2011 meta saret l-ispezzjoni. Isem il-klijent fuq dan ic-certifikat mediku huwa Melchior Bonnici ta'l-indirizz JohnMary Borg Flats, Flt 1, Triq A. Cuschieri, Fleur-de-Lys, Birkirkara. Mir-rapport tal-pulizija jidher illi l-imputat kien "forna lill-pulizija b'certifikat mediku mahrug mill-veterinarju rigward il-kelb id-Dalmation". Illi l-prosekuzzjoni ipproduciet lil Dr. Ivan Galea li ghalkemm jikkonferma illi kien ra kelb tar-razza Dalmation u li ir-rizulati medici esebieti kienu fil-fatt mahruga mill-klinika tieghu, madanakollu ighid illi huwa qatt ma kellu klijent bl-isem Cajetan Saliba u lanqas ma seta jikkonferma illi l-kelb Dalmation li hemm fuq ir-ritratt a fol.21 huwa l-istess kelb li invista hu. Isostni madanakollu illi il-kelb li kien ra kien verament *underweight* u li kien ghalhekk li sarulu xi testijiet tad-demm, izda ma setax jikkonkludi illi dina l-irquqija kienet dovuta ghal xi malnutrition jew nuqqas ta' kura adegwata. Ighid hekk:
"Ma jidhirlix li kien hemm xi *dehydration* partikolarment, ma jidhirlix li meta rajt il-kelb ghidt dan il-kelb mhux mizmum tajjeb, dik l-impressjoni li ghandi f'mohhi."

Illi hija il-fehma tal-Qorti illi il-provi li hemm fl-atti huma fjakki wisq ghal sejbien ta' htija fuq maltrattament ta' annimali. Illi huwa fatt stabbilit illi meta saret l-ewwel spezzjoni irrizultaw is-segwenti fatturi.

1. iz-zewgt iklieb kienu irqaq hafna.

2. Wiehed mill-klieb kien jinsab fuq il-bejt minghajr ikel u ilma u minghajr xelter adegwat.

3. L-ispetturi ma kenux akkompanjati minn tabib veterinarju u ma sarilhom l-ebda ezami mediku dak il-hin stess u lanqas ma ittiehdu mill-ispetturi sabiex isirilhom dan l-ezami, izda qalu lill-imputat biex jehodhom ghand tabib hu.

4. Ma jidhirx illi l-klieb kienu qed jinzammu f'ambjent maghluq.

5. Meta saret l-ispezzjoni l-imputat kien ghadu kemm irritorna minn vizta gewwa l-isptar u jidher illi l-kundizzjoni tas-sahha tiehu ma tantx kienet wahda tajba.

6. Jidher illi kien hemm barmil vojt fuq il-bejt li kellu il-qiegh tieghu b'xi haxix hadrani.

Illi mix-xhieda tat-tabib Ivan Galea, jirrizulta illi t-tabib ezamina kelb wiehed biss tar-razza Dalmation. Ma jirrizultax car, madanakollu jekk il-kelb li ezamina dan it-tabib kienx l-istess wiehed mertu ta' dina l-kawza. Il-kelb l-iehor qatt ma gie ezaminat minn tabib veterinarju. Illi ir-rigward tal-kelb Dalmation it-tabib ighid illi l-irquqija tieghu ma kenitx kawza ta' kura inadegwata jew maltrattament, izda kienet rizultat ta' mard tal-kliewi u il-fwied mahmug. Ighid illi dina il-kundizzjoni medika ma ghandhiex x'taqsam ma' *dehydration*. Dana dejjem jekk jigi accettat illi l-kelb li ezamina t-tabib huwa id-Dalmation ta'l-imputat. Illi fil-kamp penali hija l-Prosekuzzjoni li trid tressaq il-provi lil hinn minn kull dubbju dwar ir-reita ta'l-imputat. F'dana il-kaz dan ma sarx. Dana ghaliex ma hemmx prova fl-atti illi torbot l-irquqija ta' dawn il-klieb ma' xi forma ta' maltrattament, jew nuqqas ta' kura xierqa. Illi ma sar l-ebda ezami mediku *a tempo vergine* sabiex jigi stabbilit illi dawn il-klieb kienu qed ibatu minn xi forma ta' *malnutrition* u/jew *dehydration* jew inkella jekk dina l-irquqija esagerata kenitx dovuta ghal xi marda jew nuqqas ta' kura adegwata. Huma rabtu il-fatt illi il-klieb kienu irqaq mal-fatt illi meta sar l-access ma kienx jidher illi il-klieb kellhom ilma u ikel ghad-disposizzjoni taghhom u ghalhekk

ikkonkludew illi sidhom ma kienx qed jitmaghhom sew. Illi ghalkemm l-ispetturi tad-Dipartiment ghat-Trattament Xieraq ta'l-Annimali, huma nies ta' esperjenza f'xogholhom, madanakollu ma humwiex la tobba u wisq anqas xi esperti tal-Qorti li jistghu jaghtu il-fehma taghhom fuq dak li ikkonstataw *ictu oculi*. Illi ghalhekk fl-atti ma hemmx provi sufficjenti li jindikaw illi l-imputat **volontarjament** gieghel lil dawn iz-zewgt iklieb isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn. Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta'l-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi finalment l-imputat huwa akkuzat illi zamm il-klieb minghajr licenzja tal-pulizija. Illi l-ligi tispecifika illi tali licenzja hija mehtiega ghal klieb li ghandhom iktar minn sitt xhur. Illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta kemm ghandhom eta il-klieb mertu ta' dina l-kawza. Ghajr ghaz-zewgt ritratti esebieti mill-ufficjali tad-Dipartiment ma hemm l-ebda indikazzjoni ohra dwar l-apparenza taghhom. Ghar-rigward tad-Dalmation, fir-ritratt, lanqas wiccu ma jidher. Illi kif diga inghad l-imputat ma jixhidx u lanqas jirrilaxxja stqarrija u ghalhekk ma hemmx indikazzjoni dwar jekk dawn il-klieb kenux ighixu mieghu, jekk fl-affermattiv kemm kienu ilhom ighixu meghu, u kif akkwisthom. Hawnhekk ukoll allura il-provi huma ferm fjakki u l-imputat ser jigi ukoll illiberat minn dina l-akkuza.

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq premessi, il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------